# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn l-ewwel (1) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 400/12 FDP**

**Vince Farrugia**
**(ID 847544M)**

**vs**

**Josef Caruana**
**(ID 150573M )**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-28 ta' Novembru 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal avviz illi deher fil-pubblikazzjoni tal-harga tal-gurnal l-Orrizont mija u hamsa u tletin darba (135) bejn l-14 ta' Jannar 2012 u il 21 ta' Novembru 2012, talab lill-Qorti tiddikjara illi tali avviz, li tieghu l-intimat bhala editur kien responsabbli, kien malafamanti u libelluz fil-konfront tieghu peress illi kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent. Ghalhekk huwa talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas dannai a tenur ta' l-Artiklu 28 tal-Kap 248.

Rat il mija u hamsa u tletin pubblikazzjoni li kien jikkonsisti f'banner fuq il-qiegh tal-pagna b'ritratt tar-rikorrent mal gemb u hdejh il-kliem "**Vince Farrugia … Ghajjar lill-haddiema b'xoghol prekarju 'Grieden'**", u li dehru fil-hargiet tal-Orizzont tal-14 ta' Jannar 2012, 28 ta' Frar 2012, 29 ta' Frar 2012, 1 ta' Marzu 2012, 6 ta' Marzu 2012, 7 ta' Marzu 2012, 8 ta' Marzu 2012, 20 ta' Marzu 2012, 21 ta' Marzu 2012, 22 ta' Marzu 2012, 26 ta' Marzu 2012, 28 ta' Marzu 2012, 29 ta' Marzu 2012, 4 ta' April 2012, 5 ta' April 2012, 12 ta' April 2012, 16 ta' April 2012, 17 ta' April 2012, 18 ta' April 2012, 19 ta' April 2012, 20 ta' April 2012, 12 ta' April 2012, 25 ta' April 2012, 26 ta' April 2012, 30 ta' April 2012, 2 ta' Mejju 2012, 3 ta' Mejju 2012, 4 ta' Mejju 2012, 9 ta' Mejju 2012, 15 ta' Mejju 2012, 16 ta' Mejju 2012, 18 ta' Mejju 2012, 22 ta' Mejju 2012, 23 ta' Mejju 2012, 24 ta' Mejju 2012, 25 ta' Mejju 2012, 28 ta' Mejju 2012, 30 ta' Mejju 2012, 31 ta' Mejju 2012, 1 ta' Gunju 2012, 6 ta' Gunju 2012, 8 ta' Gunju 2012, 11 ta' Gunju 2012, 13 ta' Gunju 2012, 14 ta' Gunju 2012, 15 ta' Gunju 2012, 18 ta' Gunju 2012, 19 ta' Gunju 2012, 20 ta' Gunju 2012, 21 ta' Gunju 2012, 22 ta' Gunju 2012, 25 ta' Gunju 2012, 26 ta' Gunju 2012, 27 ta' Gunju 2012, 2 ta' Lulju 2012, 3 ta' Lulju 2012, 4 ta' Lulju 2012, 5 ta' Lulju 2012, 6 ta' Lulju 2012,

9 ta' Lulju 2012, 11 ta' Lulju 2012, 13 ta' Lulju 2012, 16 ta' Lulju 2012, 17 ta' Lulju 2012, 18 ta' Lulju 2012, 19 ta' Lulju 2012, 23 ta' Lulju 2012, 24 ta' Lulju 2012, 25 ta' Lulju 2012, 26 ta' Lulju 2012, 27 ta' Lulju 2012, 30 ta' Lulju 2012, 31 ta' Lulju 2012, 1 ta' Awwissu 2012, 2 ta' Awwissu 2012, 3 ta' Awwissu 2012, 6 ta' Awwissu 2012, 7 ta' Awwissu 2012, 8 ta' Awwissu 2012, 9 ta' Awwissu 2012, 10 ta' Awwissu 2012, 13 ta' Awwissu 2012, 14 ta' Awwissu 2012, 15 ta' Awwissu 2012, 16 ta' Awwissu 2012, 17 ta' Awwissu 2012, 20 ta' Awwissu 2012, 21 ta' Awwisu 2012, 22 ta' Awwisu 2012, 24 ta' Awwissu 2012, 28 ta' Awwissu 2012, 29 ta' Awwissu 2012, 31 ta' Awwissu 2012, 5 ta' Settembru 2012, 6 ta' Settembru 2012, 7 ta' Settembru 2012, 10 ta' Settembru 2012, 11 ta' Settembru 2012, 12 ta' Settembru 2012, 13 ta' Settembru 2012, 14 ta' Settembru 2012, 17 ta' Settembru 2012, 18 ta' Settembru 2012, 19 ta' Settembru 2012, 25 ta' Settembru 2012, 26 ta' Settembru 2012, 27 ta' Settembru 2012, 28 ta' Settembru 2012, 1 ta' Ottubru 2012, 2 ta' Ottubru 2012, 3 ta' Ottubru 2012, 4 ta' Ottubru 2012, 5 ta' Ottubru 2012, 8 ta' Ottubru 2012, 9 ta' Ottubru 2012, 10 ta' Ottubru 2012, 11 ta' Ottubru 2012, 12 ta' Ottubru 2012, 15 ta' Ottubru 2012, 16 ta' Ottubru 2012, 17 ta' Ottubru 2012, 19 ta' Ottubru 2012, 25 ta' Ottubru 2012, 26 ta' Ottubru 2012, 29 ta' Ottubru 2012, 30 ta' Ottubru 2012, 2 ta' Novembru 2012, 8 ta' Novembru 2012, 13 ta' Novembru 2012, 14 ta' Novembru 2012, 16 ta' Novembru 2012, 19 ta' Novembru 2012, 20 ta' Novembru 2012 u 21 ta' Novembru 2012.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit-8 ta' Jannar 2013 fejn laqa' ghal dak lilu imputat billi sahaq, l-ewwel u qabel kollox, illi ma kien hemm xejn ingurjuz u malafamanti f'dak illi inkiteb peress illi huwa fatt. Stqarr ukoll illi huwa kien qieghed jezercita' d-dritt tieghu ta' liberat ta' espressjoni filwaqt illi insista li kien id-dmir tieghu li jgharraf lill-qarrejja b'affarjiet ta' interess pubbliku. Finalment, dwar il-kwistjoni tar-ripetizzjoni, huwa sahaq illi hu libera sabiex ihares lejha bhala *repetitia iuvant*, inkella semplici ripetizjoni *ad nauseam*.

Ra illi bejn l-14 ta' Jannar 2013 u is 26 ta' Mejju 2014 saru disgha seduti fejn ir-rikorrent ma ressaq ebda provi u l-kawza giet riappuntata darbtejn wara illi giet kancellata darbtejn minhabba f'tali nuqqas.

Ra ix-xhieda ta' **Tony Zarb**, **Victor Carachi**, **Sonny Portelli**, **Sylvia Gauci**, **Winston V Zahra** u **Michael Mallia**, lkoll moghtija fil-proceduri 107/12 fl-ismijet '***Tony Zarb vs Vincent Farrugia***' (u deciza minn dina l-Qorti kif komposta fis 17 ta' Novembru 2014) u eseibiti mir-rikorrenti fil-proceduri odjerni.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Vince Farrugia** moghtija in ezami fil 11 ta' Lulju 2014.

Rat illi fil 11 ta' Lulju 2014 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Vince Farrugia moghtija fit 23 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Josef Caruana** moghtija in ezami u kontro ezami fit 13 ta' April 2015 u fit 13 ta' Lulju 2015.

Rat in-nota bid-dokumenti imsemmija minn Josef Caruana fix-xhieda tieghu, liema nota giet ippreentata fil 21 ta' Lulju 2015.

Rat illi fit 13 ta' Lulju 2015 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijet rikorrenti.

Rat illi sas 26 ta' Ottubru 2015 is-sottomissjonijet rikorrenti ma dahhlux u ghalhekk il-Qorti ordnat illi l-intimat jippresenta s-sottomissjonijet tieghu.

Rat illi l-intimat ippresenta s-sottomissjonijiet tieghu fit 30 ta' Novembru 2015.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza u, sad-data ta' llum is-sottomissjonijiet rikorrenti baqghu qatt ma dahhlu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qieghed jilmenta illi l-intimat, bhala editur tal-gurnal l-Orrizont, fuq medda ta' hdax-il xahar, ippubblika mija u hamsa u tletin (135) avviz ossija 'banner' fuq il-qiegh ta' wahda mill-pagni tal-gurnal l-Orizzont, fejn kien hemm stampat wicc ir-rikorrent u hdejh il-kliem "*Vince Farrugia ... Ghajjar lill-haddiema b'xoghol prekarju "Grieden"*"

Jirrizulta, mill-provi kollha prodotti u li kienu xehdu fil-kawza 107/12 FDP fl-ismijiet '**Tony Zarb vs Vincent Farrugia**' deciza fis 17 ta' Novembru 2014, liema xhieda giet riprodotta fl-interjieta taghha fuq talba tar-rikorrenti fis-seduta tas-7 ta' April 2014, illi fl-<u>14 ta' Novembru 2011</u> kien hemm laqgha tal-Kunsill Malti ghall Ekonomija u Zvilupp Socjali (MCESD) illi kienet inzammet gewwa l-Hotel Phoenicia u li ghaliha kienu attendew l-imsiehba socjali kollha li jiffurmaw l-istess MCESD.

Jirrizulta illi waqt tali laqgha, illi ghaliha attenda wkoll ir-rikorrent bhala rappresentant tal-GRTU, inqala diverbju bejn ir-rikorrenti u Tony Zarb, dak iz-zmien segretarju Generali tal-General workers Union, fuq il-posizzjoni tal-haddiema impjegati b'mod prekarju.

Jirrizulta, kif imnizzel fil-minuti ta' l-istess laqgha, cirkolati wara il-laqgha u approvati fil-laqgha sussegwenti ta' l-istess MCESD, illi intqal is-segwenti:

> *"2.12 The GWU representative said that the ETC should be examining the employability of workers in precarious jobs. Whereupon the representative of the GRTU interjected and objected vehemently to the comment and, inter alia, referred to such workers who are receiving protection of GWU as 'rats'. An altercation ensused between the two speakers, which was quickly terminated by the Chairman. (sic)"* (fol 178)

Jirrizulta illi dana id-diskors gie kkonfermat kemm minn Sonny Portelli, illi dak iz-zmien kien ic-Chairman tal-MCESD kif ukoll minn Sylvia Gauci, Segretarja Ezekuttiva ta' l-istess MCESD, illi kkonfermat illi l-item tal-minuti 2.12 fejn gie rilevat li l-intimat sejjah lill haddiema tal-prekarjat bhala grieden giet mizjuda fuq talba tal-GWU.

Jirrizulta ammess mir-rikorrent stess illi huwa uza l-kelma 'grieden', izda huwa jikkontesta illi dana il-kliem huwa kien qalhom fil-konfront tan-nies illi jimportaw merkanzija minn barra. Dana il-fatt, madanakollu, ma huwa kkorroborat minn ebda xhieda ohra, u ix-xhieda kollha illi ppresenta ir-rikorrent fil-proceduri odjerni lkoll jikkonfermaw illi r-rikorrent uza l-kelma "grieden" meta Tony Zarb kien qed iqajjem kwistjoni relatata tal-haddiema prekarji.

Ghalhekk jirrizulta ben ippruvat illi attwalment ir-rikorrent "ghajjar lill-haddiema b'xoghol prekarju 'Griden' " kif jghid il-banner ippubblikat mill-intimat u li dwaru r-rikorrent nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza ta' l-intimat, fil kaz odjern, kienet dik ta' "fair comment".

Fd-difiza ta' 'fair comment', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slande**r :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Huwa fatt illi d-difiza tal-"*fair comment*" kienet kkreata principalment sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe` id-dritt tal-espressjoni hielsa.

Kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

> *The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, fil-kawza odjerna, jilmenta minn zewgt fatturi principali: il-fatt illi qed jintqal kliem illi huwa qatt ma qal, u il-fatt illi dawna l-kliem gew pubblicizzati permezz ta' 'banner' fuq il-parti ta' isfel ta' pagna go wiehed hames u tletin harga tal-gazzetta l-Orizzont.

Jirrizula, l-ewwel u qabel kollox, ben ippruvat illi l-kliem illi r-rikorrent qieghed jilmenta dwarhom, huwa kliem illi gie ippruvat minghajr ebda dubju illi l-istess rikorrent kien qal, tant illi huma indikati u imnizzlin fil-minuti tal-laqgha tal-MCESD fejn intqalu tali kliem, u l-istess kliem gew ikkonfermati anke minn nies presenti gewwa tali laqgha, fosthom Sonny Portelli, illi kien ic-Chairman ta' l-istess MCESD u certament ma jistaq jitqies illi kellu xi interessi ohra meta kkonferma tali kliem ghajr illi jghid il-verita' dwar dak illi attwalment kien sehh dakinar,

Jirrizulta, ghalhekk illi l-kliem "**Ghajjar lill haddiema b'xoghol prekarju 'Grieden'** " huma kliem sostanzjalment korretti.

It-tieni ilment huwa illi kien hemm kampanja kontra tieghu bl-uzu ta' dawna l-kliem, liema kampanja kellha titqies bhala intiza sabiex ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk kellhom jitqiesu bhala malafamanti.

Il-Qorti ma tistax hlief ma tosservax illi, la darba l-kliem rappurtat kienu korretti, il-fatt illi dawna gew pubblicizzati aktar minn mija u hamsa u tletin darba fuq il-media illi tiegu l-intimat huwa l-editur ma jfissirx illi, allura, tali kliem ghandhom jtqiesu bhala malafamanti.

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tosserva illi r-rikorrent huwa politiku. Kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, intqal illi:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More*

*generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Apparti minn hekk, il-fatt illi gie ripetut fatt illi huwa sostanzjalment korrett, ghalkemm huwa kkontestat bhala inveritjeru mir-rikorrenti, ma jfissirx illi dana huwa libelluz. Jista, semmai, jitqies bhala esagerazzjoni da' parte ta' l-intimat u insistenza da parte tieghu biex ifakkar lill-qarrejja dwar kliem li qal ir-rikorrent, liema insistenza kienet qed iddejjaq hafna lir-rikorrent, izda certament ma jistghu qatt jitqiesu bhala malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent, peress illi jirrizulta ampjament ippruvat illi l-kliem irrappurtat huma sostzjalment korretti u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala malafamanti minn innifshom.

Ghalhekk, id-difiza ta' l-intimat hija wahda illi dina l-Qorti ghandha tikkonferma, peress illi f'socjeta demokratika, bhalma hija dik maltija, huwa l-gurnalizmu u l-mezzi tax-xandir illi ghandhom jassikuraw illi jgharrfu lill-pubbliku in generali dwar l-azzjonijiet tal-politici li jinvolvu ruhhom f'decizjonijiet u azzjonijiet illi jeffettwaw lill-pubbliku in generali, u il-Qorti sejjra dejjem tipprotegi tali dritt, illi huwa element essenzjali li jiddistingwi bejn demokrazija u dittatura.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u l-intimat Victor Camilleri

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur